# It-Torri ta' San Pawl il-Baħar

## Mrs. Bice Zammit



*Torri ta' San Pawl*

Wara l-Assedju tal-1565 it-Torok ma reġgħux ippruvaw jieħdu l-Gżejjer Maltin. Imma baqgħu jduru u jagħrxu fil-Mediterran u meta possibli jinżlu l-art, jisirqu lsira u jħallu ħerba sħiħa warajhom.

F'Malta u għawdex kien hawn ħafna daħliet moħbija fejn it-Torok setgħu jinżlu bla ma ħadd jarhom. Waħda minn dawn id-daħliet kienet id-daħla ta' San Pawl il-Baħar.

Kien il-Gran Mastru Alof De Wignacourt li ntebaħ x'qed jiġri u f'laqgħa tal-Kunsil tal-Kavalieri fis-6 ta' Novembru 1609 huwa wera l-ħtieġa li jinbena Torri f'dan il-lokal. Dak in-nhar stess ippreżenta mudell tat-Torri li xtaq jinbena u qal li kien ser iħallas 7,000 skud minn butu biex jinbena dan it-Torri. Fil-fatt dan it-Torri kien wieħed minn sitta li l-Gran Mastru Wignacourt bena minn flusu. L-ewwel ġebla ta' dan it-Torri tqegħdet fl-10 ta' Frar 1610 wara li kienet tqaddset quddiesa solenni fis-Santwarju ta' San Pawl ftit bogħod.

Ma għandna ebda ħjiel x'użu sar minn dan it-Torri għall-300 mitt-sena. Wisq probabli li ntuża għall-għan li kien inbena jiġifieri biex minn hemm igħassu ix-xatt tal-qrib.
Fil-1913 it-Torri beda jintuża bħala għassa tal-pulizija u dam f'idejn il-pulizija sal-1931. Kienu nbnew żewġt ikmamar ħdejh biex ikun hemm wisa biżżejjed għal żewġ ċellel u uffiċju. Meta l-bini ta' dawn il-kmamar beda jċedi l-pulizija fittxew post ieħor.


# Evan

The Entertainer
Children's Magic Show

132, High Street, Sliema SLM 16
Tel: 335598

Għall-sitt snin sħaħ it-Torri baqa' vojt sakemm fl-ewwel ta' Awissu 1937 id-dipartiment tal-posta għamel "exchange" tat-telefon ġo fih u dan baqa' jintuża sal-ewwel ta' April 1963.

U issa ħadd ma kellu użu għat-Torri. Baqa' vojt ħlief biex xi ħadd mid-dipartiment tax-xogħlijiet iqiegħed xi mbarazz.

Fl-aħħar il-Gvern taħ f'idejn Din l-Art Ħelwa. Din l-għaqda għamlitlu ħafna tiswijiet saħansitra fil-ġebel.

Matul is-snin ma tantx saru tibdiliet fit-Torri. Il-kmamar li kienu bnew il-pulizija twaqqgħu u t-taraġ ta' quddiem kellu jitneħħa biex twesset it-triq. Ġie mdaħħal is-servizz tal-eletriku u sar xi madum fil-kamra ta' fuq.

Meta fil-1979 ġie mwaqqaf l-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl, il-Fundatur tal-Istitut Patri Joe Cilia OFM. Conv., talab lil Din l-Art Ħelwa biex tagħti t-Torri f'idejn il-Kunsill tal-Istitut. Din it-talba seħħet u fi Frar tas-sena 1983 it-Torri ġie inawgurat bħala mużew mill-Onorevoli Ministru n-Nutar Alex Sciberras Trigona LLD., u mħolli f'idejn il-Kunsill tal-Istitut biex jieħu ħsiebu

Dan il-Kunsill qed jagħmel ħiltu kollha biex jiżdiedu l-affarijiet u biex it-Torri jinfetaħ kull nhar ta' Ħadd fil-għodu.

Fil-kamra ta' fuq tat-Torri nsibu xi fdalijiet tal-fuħħar li nsatbu qrib San Pawl il-Baħar u ġew mislufa mill-Mużew Nazzjonali. Fil-waqt li fil-kamra ta' isfel insibu għodod li għandhom x'jaqsmu maż-żewġ snajja ewlenin ta' San Pawl il-Baħar jiġifieri għodod tal-Biedja u s-Sajd. Hemm ukoll numru żgħir ta' ħut ibbalzmat.

APRIL 1997: Bħalissa t-Torri jinsab magħluq. Qed isirlu xi restawr. Meta jitlesta "Din l-Art Ħelwa" ser tagħmel esibizzjoni permanenti ta' fortizzi ta' żmien l-ordni.

Victoria
The Typical English Pub
LATEST LASER KARAOKE EVERY NIGHT
BAY SQUARE, BUGIBBA. TEL: 571355
Part of the Caesars Group